MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 66/2005

George Saliba

Vs

Dennis Patrick Roberts

Il-Qorti,

**Incident Stradali – Vettura *Total Loss* – Obbligu tad-Danneggjat li jnaqqas id-danni**.

Rat l-att tac-citazzjoni prezentata fl-1 ta' Awwissu 2005 li permezz taghha l-attur ippremetta li fis-26 ta' Gunju 2004 ghal habta tad-9.00 p.m. l-attur waqt li kien qieghed isuq il-vettur CRG183 niezel isuq miz-Zebbug, Ghawdex fid-direzzjoni ta' Victoria kien ivolut f'habta fi Triq iz-Zebbug ma' vettura misjuqa mill-konvenut tat-tip Ford Escort bin-numru CBG 096 li kienet qeghda tinstaq fid-direzzjoni opposta.

L-attur isostni li fil-hin ta’ l-incident il-konvenut kien f’sakra ma jarax art u kien ghadu gej minn hanut tax-xorb kif irrizulta lill-Pulizija mill-investigazzjoni li ghamlet.

L-incident gara meta l-konvenut kiser il-kantuniera jserrep min-naha ghall-ohra tat-triq u ftit mumenti qabel l-incident kien gej isuq fuq il-karreggjata hazina tat-triq head on ghal go l-attur.

Sabiex jevita head on collision, l-attur fil-mument ta’ l-incident gibed ghal gewwa l-karreggjata opposta sabiex jevita l-habta izda l-impatt bejn iz-zewg vetturi sehh xorta wahda ghaliex il-konvenut Roberts rega’ fl-ahhar sekondi pprova jidhol fil-karreggjata tieghu.

Ghal dan l-incident jahti unikament il-konvenut minhabba sewqan perikoluz waqt li kien taht l-influwenza tax-xorb, sewqan imprudenti u traskurat, u b’nuqqas ta’ osservanza u tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Konsegwenza ta’ dan l-incident tat-traffiku l-attur sofra danni kbar fil-vettura tieghu tant li l-vettura giet mghoddija b’total loss.

Il-valur tal-vettura qabel il-habta kien ta’ sebat elef liri Maltin (Lm7,000).

Oltre d-danni fil-vettura, l-attur dahal ukoll fi spejjez ohra ammontanti ghal tmien mitt lira Maltin (Lm800) f’towing ta’ wreck minn fuq il-post tal-incident, magazinagg ta’ wreck, u spejjez ohra li jigu pruvati dettaljament fil-kors tal-kawza.

Talab ghalhekk l-attur sabiex il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur fl-ammont ta’ sebat elef u tmien mitt lira Maltija (Lm7,800) jew somma verjuri li tigi likwidata mill-Qorti.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dawn id-danni bl-imghax mid-data ta’ l-incident.

Permezz ta’ nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata fil-5 ta’ Settembru 2005 il-konvenut ikkontesta r-responsabbilta’ ghall-incident u l-ammont ta’ danni mitluba mill-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Ottubru 2007 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

1. B’riferenza ghall-ewwel eccezzjoni, din ser tigi michuda. Il-konvenut kellu kull opportunita’ li jitlob lir-Registratur tal-Qorti li jipprovdieh bi traduzzjoni ta’ l-att gudizzjarju li l-attur ipprezenta fl-1 ta’ Awwissu 2005. F’kull kaz il-konvenut xorta pprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet fejn iddefenda ruhu u sahansitra fid-dikjarazzjoni guramentata annessa ma’ l-istess ta l-verzjoni tieghu ta’ kif graw il-fatti. Dan apparti l-fatt li din il-kwistjoni ma regghetx giet sollevata fil-kors tal-proceduri.

2. Il-kawza tittratta incident tat-traffiku li sehh fis-26 ta’ Gunju 2004 fi Triq iz-Zebbug, Victoria Ghawdex. Fl-incident kienu nvoluti l-vettura Opel Astra numru GRG183 (misjuqa mill-attur) u vettura Escort numru CBG096 misjuqa mill-konvenut. Filwaqt li l-attur kien niezel miz-Zebbug, il-vettura misjuqa mill-konvenut kienet gejja fid-direzzjoni opposta.

L-attur spjega l-incident b’dan il-mod: *“Qbizt ic-cimiterju u appena soqt ftit l-isfel, tfacca l-konvenut minn mal-liwja li hemm aktar l-isfel li tigi fuq il-lemin tieghi, u baqa’ hiereg ghad-dritt fid-direzzjoni tal-karreggjata tieghi. Meta rajtu gej irrankat ghal go fija, jiena rriducejt l-ispeed ghal kwazi dead slow u billi baqa’ gej irrankat ghal go fiha head on, jiena kont pront ilwejt ghal fuq il-lemin tieghi biex proprju nevita habta head on u waqt li kont qed nevita dan impatt milli jsehh, il-konvenut bhal donnu gie f’tieghu u pprova*

*jibdel id-direzzjoni hu wkoll u jmur fuq il-karreggjata tieghu, f'liema mument gara l-impatt. Meta rajt lill-kovenut qed jipprova jibdel id-direzzjoni fil-mument prossimu tal-impatt, jiena kont pront ghafast il-brejk. Il-habta pero' inevitabbli ghaliex dan kollu gara f'temp ta' sekondi"* (fol. 23).

Fil-verzjoni tal-fatti li l-konvenut ta lill-pulizja ddikjara li:*"I was driving slowly up the hill towards Zebbug in my lane when the other car crossed the central line whilst proceeding from the opposite direction and collided head on into my car. I don't know any more about how it exactly happened. Before the accident I only drank four bottles of blue label from Tapie's Bar at Victoria and its not true that I was driving on the wrong side of the road before the collision took place. I was driving alone"* (fol. 37). Verzjoni li rega' kkonferma fl-affidavit li ghamel (fol. 110). Kompla jzid li *"I wish to add that after the accident I remember nothing as I was knocked unconscious. I was full alert until the time of impact"*. Meta xehed fil-proceduri kriminali ddikjara:

*"The Court: Had you seen this coming unto your lane ? in other words, did you see this car moving from its lane unto your lane ?*
*Witness:* ***No, no, no. I did not****"* [sottolinejar tal-Qorti] (fol. 161)[1].

Hu minnu wkoll li fl-iskizz li gie mhejji mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz (fol. 34), il-vettura misjuqa mill-attur tidher qeghda fil-karreggjata opposta ghal dik li kienet ghaddejja minnha qabel sehh l-incident. Pero' hu evidenti li spiccat fil-post fejn tidher fl-iskizz minhabba l-impatt tad-daqqa. Dan qieghed jinghad peress li mill-istess dokument jidhru wkoll sinjali tal-brejk (tul ta' zewg metri) li halliet il-vettura Opel misjuqa mill-attur. Li hu zgur

[1] Fis-seduta li saret fis-16 ta' Jannar 2007 quddiem l-Assistant Gudizzjarju l-partijiet ivverbalizzaw hekk: *"Il-partijiet jaqblu li sabiex jigu evitati dupplikazzjoni ta' xhieda u dokumenti ghandhom jigu allegati l-atti kollha kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Saliba u il-Pulizija vs Patrick Dennis Robert u ghaldaqstant il-partijiet ghandhom jiehdu hsieb jintavolaw ir-rikorsi opportuni"* (fol. 99).

hu li *spot of impact* sehh fil-karreggjata opposta ghal dik li kienet gejja minnha l-vettura misjuqa mill-attur.

3. M’hemmx dubju li fil-hin ta’ l-incident il-konvenut kien qieghed isuq taht l-influwenza tal-alkohol (tlett darbiet iktar mil-limitu preskritt mil-ligi). F’dan ir-rigward kienu ttiehdu proceduri kriminali kontra tieghu. Fis-seduta tat-22 ta’ April 2005 quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Krimnali (Ghawdex) ammetta din l-akkuza u nstab hati li fil-hin ta’ l-incident kien qieghed isuq vettura taht l-influwenza tal-alkohol. Anke fir-rapport imhejji mill-pulizija dwar dan l-incident jinghad li:

*“Roberts was in fact escorted to Victoria Police were it was clearly evident that he had been driving under the influence of alcohol, due to his alcohol smell and behaviour. In view of this Insp. Maurice Curmi was duly informed, who called at the station and after being duly cautioned carried out a breathilyzer test on Roberts at about 22.44 hrs were it proved positively. Infact the two tests taken showed a positive result of 107ml and 108ml respectively…”* (fol. 37). PS 755 Frank Gauci xehed li l-konvenut ***“….ma kienx kapaci jzomm bil-wieqfa wahdu, kellna npogguh bil-qieghda…”*** (fol. 31). Hu evidenti li z-zewg testijiet tan-nifs li ttiehdu juru prezenza ta’ alkohol ferm iktar mill-limitu permess mil-ligi li hu ta’ 35 mikrogramma ta’ alkohol f’100 millilitru ta’ nifs (ara Art. 15I tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kap. 65) [ara wkoll ix-xhieda li nghatat mill-Ispettur Maurice Curmi fis-seduta tat-2 ta’ Novembru 2005 – fol. 28).

4. Il-Qorti ma temminx dak li qal il-konvenut, li kien “*full alert until the time of impact”.* Ix-xhieda moghtija minn Joseph Magro tikkonferma l-istat li l-konvenut kien jinsab fih wara l-incident (fol. 79). Tant il-konvenut ma kienx jaf x’qieghed jigri li hu stess iddikjara li lanqas ma ra l-vettura tal-attur taqsam u tidhol fil-karreggjata li minnha kien ghaddej (fol. 161). Dan meta fl-iskizz (fol. 34) jidhru l-brejk marks tal-vettura tal-attur f’posizjoni trasversali li jindika l-punt ta’ dhul tal-vettura Opel GRG 183 fil-karreggjata

opposta. Din hi ukoll prova cara li kien biss mumenti qabel sehh l-impatt li l-vettura misjuqa mill-attur bdiet taqsam ghall-karreggjata opposta u mill-iskizz jidher li fil-hin tal-impatt il-vettura tal-attur kienet ghadha ma qasmitx kollha il-linja li tidher f'nofs it-triq fuq l-iskizz (fol. 34). Mir-ritratti ezebiti mill-konvenut (fol. 114) u li juru l-vizwali li kellu l-konvenut minn fejn kien gej, jekk qieghed ighid il-verita', messu ra l-vettura tal-attur taqsam ghall-karreggjata li kien ghaddej minnha. Il-konvenut xehed: *"Moreover, the other car was being driven downhill and from my lane I was blinded to all oncoming traffic by the immediate turn fifty meters away, whether the oncoming traffic is on the right or the wrong side of the road"* (fol. 110). Hu evidenti li l-konvenut qieghed jipprova jaghti x'jifhem li minhabba l-liwja ma kellux vizwali tajba tal-vetturi (bhal dik tal-attur) li kienu gejjien mid-direzzjoni opposta. Pero' mill-provi rrizulta li l-parti tat-triq fejn sehh l-incident hi dritta u zgur li f'dik il-parti l-konvenut ma setax ikollu ostakolu fil-vizwali. Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li d-direzzjoni trasversali tal-brejk marks tal-vettura Opel tista' tghid huma fejn sehh l-incident u ghalhekk zgur mhux f'punt fejn il-vizwali tal-konvenut setghet kienet ostakolata. Cirkostanza ohra li tkompli tikkonferma li l-konvenut qieghed jipprova jibni difiza li jaf li m'ghandux. Il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut wiegeb kif wiegeb ghaliex fil-mument tal-incident ma kellux il-kontroll tieghu nnifsu u ma kienx jaf x'qieghed jigri ghaliex kien qieghed isuq that l-influwenza ta' l-alkohol. Jekk kif qal il-konvenut kien ghaddej fi triqtu ghall-affari tieghu u bi speed baxx, ma setax ma jarax il-vettura ta' l-attur taqsam meta wiehed iqies dak li jirrizulta mill-iskizz. Bla dubju f'dan il-kwadru ta' fatti l-verzjoni tal-attur hi iktar verosimili dwar dak li fir-realta' gara f'dan il-kaz. Kullhadd jaf li sewqan ta' vetturi taht l-influwenza ta' alkohol hu ta' periklu ghas-sigurta' stradali u jnaqqas ir-riflessi tal-gisem. Il-konvenut pogga lilu nnifsu u lil terzi f'periklu car meta saq taht l-influwenza tax-xorb. Il-Qorti hi konvinta li kien il-konvenut li qasam ghall-karreggjata opposta. Rilevanti wkoll kif il-konvenut ma semma xejn kif mument qabel sehh l-incident kien ghadu kif hareg minn liwja (ara xhieda ta' l-attur [fol. 23] u skizz tal-pulizija [fol. 34] fejn jinghad li xi 50 metru 'l boghod minn fejn sehh l-incident hemm liwja). L-istat li

kien jinsab fih il-konvenut waslu biex jaqsam ghall-karreggjata li kien ghaddej minnha l-attur li min-naha tieghu ipprova jiehu azzjoni evaziva meta ra l-vettura tal-konvenut taghmel din il-manuvra. Il-konvenut rega' gibed ghall-karreggjata li minn Victoria tiehu ghal Zebbug u l-vettura Escort baqghet diehla fil-vettura tal-attur, li kif rajna fil-mument tal-habta kienet f'posizzjoni trasversali. Bl-impatt qawwi l-vettura ta' l-attur intefghet 'il fuq kif muri fl-iskizz. Meta jsir paragun bejn fejn jinsabu brejk marks li halliet il-vettura Opel GRG 183 u fejn spiccat wara l-incident kif ukoll il-hsara li garrbet il-vettura tal-attur (ritratti a fol. 27), il-Qorti tkompli ssahhah il-fehma taghha li l-verzjoni moghtija mill-attur tirrifletti l-verita'.

5. Ghal dak li jikkoncerna d-danni, Tarcisio Mercieca xehed (seduta tas-16 ta' Jannar 2007 – fol. 91) li spezzjona l-vettura u *"il-market value ta' dakinhar din il-karrozza, jiena ghamilha sixty eight hundred,…… sitt elef u tmien mija (Lm6,800). U s-salvage ghamiltha li tigbor xi haga bejn is-sbatax u l-elfejn lira (Lm1700 – Lm2000)….. Issa din il-karrozza nxtrat gdida eighty thousand two hundred (Lm8,200), tlett snin qabel"* (ara wkoll survey report a fol. 94). Ikkonferma wkoll li minhabba n-natura tal-hsarat il-vettura giet dikjarata *total loss*. Tarcisio Mercieca hu surveyor inkarigat mill-kumpannija assiguratrici tal-vettura misjuqa mill-konvenut, liema stima ma gietx kontradetta b'xi provi ohra. Mill-provi jirrizulta li ir-*wreck* tal-vettura baqa' ghand l-attur. Il-Qorti ghalhekk ser tqies il-valur fl-ammont ta' hamest elef lira Maltija (Lm5,000). Kif wisq tajjeb iddikjarat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef H. Harding) fil-kawza fl-ismijiet **Kevin Caruana vs Gaetano Vassallo** deciza fis-7 ta' Jannar 1983, *"jekk wara habta karrozza tkun total loss – kompriz il-kaz ta' constructive total loss – sidha li ma kienx responsabbli ghall-incident huwa intitolat jigbor minghand min kien kagun ta' l-incident id-differenza bejn il-valur ta' l-istess karozza qabel l-incident u l-valur taghha wara l-incident ghax dawk huma d-danni li huwa sofra"*[2].

[2] **Martin Bonello Cole vs Kummissajru tal-Pulizija et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef P. Sciberras) fit-3 ta' Ottubru 2003:- *"f' kaz li vettura tigi konsidrata bhala "total loss", allura l-attur hu intitolat jigbor minghand id-danneggjant id-*

L-attur qieghed jippretendi wkoll is-somma ta' tmien mitt lira Maltija (Lm800), spejjez ghat-*towing*, magazinagg u spejjez ohra. Skond xhieda moghtija minn Joseph Magro (fol. 79-80) is-servizz ta' *towing* kien ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) u *storage* kien ta' tmien mija u tlieta u hamsin lira Maltija (Lm853) ghall-perjodu mis-27 ta' Gunju 2004 sal-31 ta' Ottubru 2006 (lira Maltija ghal kull gurnata). Min isofri danni ghandu obbligu li jimminimizza dawn id-danni u mhux izidhom[3]. L-attur ma jistax jippretendi li l-konvenut jaghmel tajjeb ghall-ispejjez ta' *storage* ghall-perjodu li jeccedi sentejn. Dan m'huwiex accettabbli u semmai l-konvenut messu ddispona mill-vettura gialadarba hu stess jaqbel li bil-hsara li garrbet giet *total loss*. Fic-cirkostanzi l-Qorti ser tiffissa s-somma ta' mija u tnejn u hamsin lira Maltija (Lm152) in kwantu ghal Lm25 spejjez ta' *towing* u Lm127 spejjez ghal *storage* sal-31 ta' Ottubru 2004 (ikopri zmien li fil-fehma tal-Qorti hu bizzejjed sabiex l-attur kellu jiddeciedi x'ser jaghmel bir-wreck tal-vettura tieghu). Ma' din is-somma ghandu jizdied l-ammon ta' tlett liri Maltin (Lm3) spejjez ghall-iskizz ta' l-incident.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici fis-sens li:-

1. Tiddikjara li l-konvenut hu unikament responsabbli ghall-incident stradali
2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' hamest elef mija u hamsa u hamsin lira Maltija (Lm5,155).

---

*differenza bejn il-valur ta' l-istess vettura qabel l-incident u l-valur taghha wara l-incident ghax dawk huma d-danni li huwa sofra. Ara "**Farrugia –vs- Bartolo**", Appell Civili, 16 ta' Mejju 1984; "**George Debono nomine –vs- Joseph Bugeja**", Appell Civili, 30 ta' April 1990".*

[3] Ara per ezempju sentenza tal-Qorti ta' l-Appell moghtija fil-kawza **Mallia vs Moore** deciza fis-6 ta' Novembru 1954 (Vol. XXXVIII.i.249) u **Xuereb vs Livick** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-3 ta' Novembru 1956 (Vol. XL.i.653) fejn gie spjegat li l-gudikant irid jara jekk id-danneggjat setax jew le jnaqqas il-hsara u (2) jekk, kieku kellu jnaqqasha, kienx jippregudika l-proprjeta' tieghu, f'liema kaz mhux tenut inaqqasha.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ hamest elef mija u hamsa u hamsin lira Maltija (Lm5,155) bhala danni.

Bl-imghax mil-lum (data li fiha qieghed jigi likwidat l-ammont dovut mill-konvenut bhala danni) u spejjez kollha a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------